# LOURDES U NAZZARET

F'ħin ta' fuq nofs inhar, tal-jum 11 ta' Frar 1858, f'reżħa qalila xitwija, it-tfajla Bernardette Soubirous kienet tkexkxet bil-biża' għal buffura rieħ qawwija li minnha ġiet milquta, waqt li ebda fergħa ta' siġra ma ġiet jew dehret tiċċaqlaq, u għal xi ħsejjes għariba, bħala ta' ċaqlieq l-art li semgħet ġejjin minn għar fil-blat ta' quddiemha, mhux wisq bogħod minnha. Kienet weħidha, għax iż-żewġ tfajliet li kellha magħha kienu qasmu x-xmara u marru jlaqqtu xi ftit tal-ħatab li jiswielhom għan-nar fid-dar tagħhom fqira. L-imkien fejn kienet Bernardette kien xagħari, in-naħa tal-Pirinej, fil-ħara ta' Messabielle, mhux ħafna 'l hemm mir-raħal ta' Lourdes. Ebda ruħ f'dak il-ħin ma kien hemm, biss ħoss ċkejken ta' l-ilma ġieri tal-Gave kien jikser dik il-ħemda. Tkexkxet għalhekk bil-biża' Bernardette Soubirous għal dik il-buffura rieħ mhix mistennija u għal dawk il-ħsejjes għariba minghajr għaliex, u, mbeżżgħa kif kienet għajnejha waqfu fuq dak l-għar ta' quddiema.

Xi ħaġa t'ilma' dehrilha tara ġo dal-għar......! dawl li, qajl qajl, qed jieħu għamla ta' mara sabiħa, ta' ġmiel li ma kienet qatt rat bħalu. Mara sabiħa, b'idejha magħqudin flimkien fuq sidirha, b'kuruna tar-rużarju mdendla fuq dirgħajha, bl-ilbsa bajda aktar mis-silġ, b'faxxa kaħlanija nieżla ma' ġembejha, bi star nieżel minn fuq rasha sa riġlejha u b'żewġ wardiet mill-iktar sbieħ fuq wiċċ saqajha.

Hi mqarqha jewwilla Bernardette Soubirous? Ma jidhirx! Mhix imqarrqha, imma hi xi ħaġa li ma titfissirx! Ta' dik l-mara bajda, x-xofftejn jiċċaqalqu, ir-ras titbaxxa u tintrefa', l-għajnejn jintrefgħu u jħarsu lejn is-Sema; titbissem, titkellem: tgħid kliem ta' faraġ, ta' ħajja! Għaliha Bernardette tissaħħar; terġa tidher quddiemha, f'riġlejha tinxteħet, hemm terġa' tmur mhux iżjed weħidha, iżda ma' kotra ta' nies, li dejjem iżjed joktru: ma' ħafna li jemmnu, ma' oħrajn li ma jemmnux, ma' oħrajn kurjużi, u ma' oħrajn ukoll li jridu jiddieħku u jgħaddu biż-żmien: u l-ħaġa hi mtennija għal bosta drabi quddiem eluf u eluf ta' bnedmin ta' kull sura ta' għerf u ta' kull twemmin. Fit-tmintax-il dehra, dak id-dawl, dik il-ħlejqa tas-Sema, dik is-Sinjura tħabbar Isimha, tgħid li hi: l-Omm ta' bla tebgħa: l-IMMAKULATA!

U dik id-Dehra, minn dak inhar sal-lum, f'dak il-għar u ma' l-inħawi ħalliet li jitwettaq bla hedu l-miraklu: hemm mis-Sema tinżel il-grazzja, tissawwab fuq il-bnedmin immnikta tfarragħom fir-ruħ u fil-ġisem.

Dik l-istess Sidt Immakulata, li dehret u ħabbret lilha nfisha ġewwa Lourdes, aħna diġà konna nafuha, għax kienet għexet ġewwa Nazzaret.

Hi l-bint samranija tal-ġens ta' Iżrael, fqajra, li ma jidher xejn fiha, li hu barra mid-drawwa, tal-għaġeb, aktar li min fin-nisa l-oħra ta' Iżrael, għajr fit-tbissima ħelwa tagħha, li tiġbdek u tqanqal fik ħsus ta' ġieħ, ta' qima u ta' mħabba fuqha, u li tħajrek terfa' għajnejk il-fuq il-fuq, għal ħsibijiet tas-Sema.

Ħajjitha, fid-dar ta' Nazzaret, hi dik ta' mara twajba, għaqlija u ta' dmirha, li fil-faqar tagħha, taħseb għal dak kollu li titlob it-tmexxija

ta' darha: tnaddif, ħasil u traqqieħ tal-bjankerija; thejjiħa ta' l-ikel għal għarusitha, imsejken mastrudaxxa, u għal binha waħdieni, li hu l-għaxqa tagħha. Timur timla' l-ilma mill-għajn tal-misraħ, li hi ukoll illum, l-għajn waħdanija ta' Nażżaret, bil-qolla fuq rasha mimlija bl-ilma għal ħtieġijiet ta' darha: taqsam ma ġirienha l-għali u l-ferħ, in-niket u l-hena, fil-waqt li b'xi demagħ, b'xi



*Il-Grotta tal-Lunzjata*

tbissima jew b'xi kellma tfarraġ kull qalb imġarrba fil-hemm.

Din hi l-Immakulata ta' Nażżaret!

Hekk taħdem ukoll il-ġrazzja t'Alla fejjedha fl-erwieħ: Minn xi drabi, mqanqlin ħsus il-bniedem u merfugħin dehnu u riedietu l-fuq il-fuq, fuq mill-art, f-estasi li ma tintfissirx; surtu hekk teħfief, li tintrefagħ drabi oħra, b-għeġubijiet ta' fejqan fil-ġisem u fir-ruħ, mingħajr ebda għodda oħra mdaqqsha mal-mard u mal-fejqan; u drabijiet oħra mbagħad, b-għemejjel li jisbqgħu hekk il-qawwa tal-ħwejjeġ, li bihom id-dinja tibqa' magħġġbha.

Wisq, drabi, għadd ta' erwieħ tajba jgħaddu minn għalina, jersqu ma ġembna, jgħixu magħna, b'dik imġiebthom hekk safja u ħelwa, li għamilhom donnu mhux ta' nies ta' din l-art, imma ta' Anġli tas-Sema; u aħna nfusnha, minn xi daqqiet, għalkemm jagħmluha magħna, jgħixu magħna, ma nintebħux bihom, ma nagħtux każhom, ma nagħrfuhomx ta' dak li huma. Biss, aħna naraw, tjubithom, li nieħdu minn għajnejhom u minn wiċċhom dejjem imbissma, minn għamilhom, li dejjem imħejji biex jagħder u jaħfer in-nuqqasijiet ta' l-oħrajn: dan biss naraw u xejn iżjed: għax il-kotra ta' virtujiet li bihom hi mżejnha ruħhom, li hekk moħbija, li jafha biss Alla, li waħdu jaqra fil-qlub, u għalhekk ukoll, waħdu jagħraf liema qies ta' mħabba għandhom f'qalbhom, kemm niket iġarrbu, kemm jitħabtu, kemm jissieltu u jibatu, biex jimxu mar-Riehda tal-Mulej, biex idewqu ftit tas-sliem lill-għajrhom, u biex juruhom kemm tassew hi ħaġa ta' ferħ u ta' ħaqq, li tgħix ħajja sewwa fid-dinja u tintelaq fil-ħdan tal-Mulej, sewwa sew, kif tarbija tintelaq fi ħdan ommha.

Ħajjithom dawna hi bħal ħajja ta' kull omm, li tagħraf u trid tabilħaqq twettaq dmirha bis-sewwa kollu; jew bħal dik ta' kull missier ta' familja, ta' kull ġuvni għaqli, ta' kull tfajla rżina rasha floka, li jridu jwettqu dmirhom sewwa u birreqqa, dejjem u kullimkien, f'darhom u barra minn darhom, fuq ix-xogħol

fil-qadi taghhom, wehedhom u ma ohrajn, ifittxu jtemmu l-Missjoni ta' Alla tahom fuq dina l-art.

Erwieh ta' din is-sura jkunu jimxu ma' Marija, l-Omm safja, fil-hajja taghha mohbija li ghaddiet gewwa Nazzaret. Imma, ghandna nifhmu tajjeb, li dik il-hajja taghhom mohbija ma taghmilhomx inqas migjubin u mahbubin minn Alla minn dawk il-ftit erwieh ohra mahturin li thennew, jew li jithennu mid-Dehriet ta' l-istess Omm Alla fil-Ghar ta' Massabielle gewwa Lourdes. A.M.C.

# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

Wara l-mewt ta' Salamun kien lahaq sultan ibnu Roboamu, li dan, billi ma kienx ried inaqqas it-taxxi minn fuq spallejn il-poplu, ghaxar tribu' telqu minn taht il-hakma tieghu u gharrfu b'Sultan taghhom lil-Geroboamu. B'hekk inholqot is-saltna l-gdida ta' Israeli, mifruda minn dik ta' Guda, u li din, wara il-firda, baqghet tahkem fin-nahiet ta' l-gharb b'Gerusalemm, belt ewlenija taghha. Geroboamu, biex inehhi kull hajra min-nies tieghu li jerggħu jmorru taht is-saltna ta' Guda, wettaq firda jew xizma religjuza u politika, billi flok it-Tempju, holoq zewg ghogol tad-deheb, bhala ghe'm tal-qawwa ta' Geova, 'l wiehed f'Bethel u l-iehor f'Dan. (Ktieb is-Slaten III, XII, IV, XVII.) Din ix-xizma fost ulied Gakobb damet sas-sena 721 Q. K.

Bejn dawn iz-zewg saltniet, ta' Guda u ta' Israeli, l-glied ma qata' xejn, sakemm lahaq Sultan Akab, bin Amri, li thabbeb u x-xierek ma' dawk tan-nisel ta' David (KT. Slat. III 12-16-28). Ghalkemm miz-zatax il-sultan li hakmu fuq Izraeli, ebda wiehed minnhom ma kien fidil lejn Alla, izda Alla, sabiex dawk it-tribù xismatici ma jaqghux u ma jhaddnux il-qima ta' l-allat qarrieqa, holqilhom u baghtilhom il-profeti biex iwis-
hom u baghtilhom il-profeti biex iwis-
hom fil-qima ta' Alla wiehed.

L-aqwa profeti ta' dik il-habta kienu ELIJA u ELIZEW. Mill-Bollandisti Elija jigi msejjah: "Prodigiosus Tesbites" (Act. Sanct. t. V Julii.), u mill-Abarnel: "Omnium suae aetatis prophetarum facile princeps, et si a Moyse discesseris, nulli secundus". (Smith's, Dictionary of the Bible). Mill-bqija, id-dehriet tieghu qsar u fil-boghod il-boghod, il-hegga u l-qawwa li wera fir-rebhiet tal-ghageb li gieb fuq il-qerq u l-hazen, il-mixi li terraq sa fuq is-Sinaj, l-ghegubijiet li wettaq, l-estasi tieghu sa fuq is-shab, id-dehra tieghu fuq l-gholja tat-Tabor, dawn kollha, ma' dak li jghid minnu l-Kittieb tal-Kotba tas-Slaten, jaghmlu minnu bniedem ta' kobor bla qies. (III Reg., XII, — IV Reg., XVII).

L-akbar hidma tieghu hi fi zmien is-sultan Akab, ftit il-fuq mid-900 sena Q.K., u li ahna nistghu naqrawha fil-Kotba tas-Slaten, III. Ahna hawn natuha kif inhi bil-malti fil-ktieb "Zmien il-Profeti," ta' 'l Alla jtieh il Genna, il-Kommendatur Sur Fons